MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 103/2010

**Valhmor Borg Import Export Limited (C 3062)**

**Vs**

**Le Bon Vivant Limited (C45102) bhala d-debitur principali w Philippe Lonfat u martu Jennifer Lonfat bhala garanti flimkien u in solidum mad-debitur principali**

**Illum 13 t'Ottubru, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti mis-socjeta' Valhmor Borg Import Export Limited, nhar il-25 ta' Marzu, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tordna lill-konvenuti jhallsuha s-somma komplessiva ta' hdax-il elf, mija w erbgha w hamsin Ewro w erbghin centezmu (€11,154.40) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta'

prodotti ghall-konsum lilhom mibjugha u kkonsenjati, kif ukoll l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-dsatax ta' Novembru 2009 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid, li gie ntavolat kontestwalment mal-prezenti u tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferta posittiva tal-Purtier Mario Mizzi datata 8 t'April, 2010 a fol. 5 tal-process.

Illi fis-seduta tal-5 t'Ottubru, 2010, is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni ghat-talba taghha, fejn irriduciet l-istess talba ghas-somma ta' tlett elef, sitt mija u tlettax-il Ewro u sitta w disghin centezmu, 'oltre u bla pregudizzju ghall-imghax kif mitlub u l-kap tal-ispejjez'.

Rat illi in vista ta' din in-nota, l-konvenuti fl-istess seduta tal-5 t'Ottubru, 2010 pprezentaw nota li permezz taghha ammettew it-talba tas-socjeta' attrici fir-rigward tal-ammont dovut kif ridott.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta ghat-talba ridotta tas-socjeta' attrici, l-Qorti hija tal-fehma li l-ammont ridott huwa gustifikat u konsegwentement dovut.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ridott ta' tlett elef, sitt mija w tlettax-il Ewro u sitta w disghin centezmu (€3613.96) w ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha thallas din l-istess soma lis-socjeta' attrici.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mis-socjeta' konvenuta w l-imghax skond il-ligi jithallas ukoll mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------